MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Numru. 524/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**ALEXIS BONDIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alexix Bondin ta’ 27 sena, bint Vincent Bondin u Michelina nee’ Farrugia, imwielda Pieta’ fl-14 t’April, 1984 u toqghod fil-fond: Nru. 110, Triq Matty Grima, Bormla jew Nru. 9, Misrah is-Sliem, Haz-Zabbar u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 201684(M).

Talli nhar is-26 ta’ Awwissu, 2010 u fil-granet ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin, f’hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

A) Billi hija akkuzata talli, nhar is-17 t'Awwissu, 2010, 18 u 19, 24, 25 u 26 ta' Awwissu 2010, ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija, filwaqt li kienet fi Triq Matty Grima, gewwa Bormla, volontarjament ghamlet hsara fuq vettura ta' ghamla Volkswagon, mudell Polo u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: LCA -735, ghad-dannu ta' Sigmund Fagerbakke u persuni ohra, liema hsara taccedi l-116.47 ewro izda anqas minn 1,164.69 ewro.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lil-imputata thallas l-ispjjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hata tal-esperti skont l-art. 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni taghha, il-Qorti issib lil-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta u Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali taghha, u l-fatt illi l-imputata hallset ghall-hsarat li wettqet qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------